A.L. 81 ta' l-1988

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1988 dwar Kodiċi ta' Etika għall-Għalliema

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-1988 dwar Kodiċi ta' Etika għall-Għalliema u għandhom jidħlu fis-seħħ fit-8 ta' Novembru, 1988.

Kodiċi ta' etika.

2. Il-Kodiċi ta' Etika li għandu japplika għall-għalliema kif previst fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, 1988 għandu jkun dak imdaħħal fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

SKEDA

KODIĊI TA' ETIKA

1. **Ir-Responsabilitajiet ta' l-Għalliem lejn l-Istudenti fdati f'idejh:**

1.1. L-Għalliem għandu jqis fuq kollox il-ġid ta' l-istudent.

1.2 Fix-xogħol professjonali tiegħu l-għalliem għandu jimmira l-isforzi tiegħu biex igħin lill-istudent fl-iżvilupp tal-persuna tiegħu inkluża l-ħila għax-xogħol.

1.3 L-Għalliem għandu jsaħħaħ fl-istudenti tiegħu sens ta' onestà, integrità u rispett lejn ħaddieħor u ma għandu jagħmel xejn bl-ordnijiet li jagħti u bil-mod kif jimxi, biex ibaxxi dawn il-kwalitajiet.

1.4 L-Għalliem għandu jkun ġust u għandu jidher li qed jagħmel il-ġustizzja.

1.5 L-Għalliem għandu juża l-awtorità tiegħu skond il-liġi ta' pajjiżna u skond l-ideat l-iktar żviluppati tal-bżonnijiet u d-drittijiet ta' l-istudent.

1.6 L-Għalliem għandu jagħraf li kull student huwa persuna u li l-istudenti jista' jkollhom ħtiġijiet differenti biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem fl-edukazzjoni.

1.7 L-Għalliem għandu jagħraf id-dmir li jgħin lill-istudenti kollha fdati f'idejh biex jiżviluppaw it-talenti tagħhom bl-iktar mod xieraq u kemm jista' jkun possibbli.

1.8 L-Għalliem għandu jagħraf li għandu jaħdem mal-ġenituri għall-ġid ta' l-istudenti l-aktar billi jikkonsulta u jinvolvi l-ġenituri kull meta jkun meħtieġ.

1.9 L-Għalliem għandu jagħmel kull ma jista' biex iħares l-istudenti minn dak kollu li hu ta' ħsara għat-tagħlim jew għas-saħħa jew dak li jkun ta' periklu għalihom.

1.10 L-Għalliem ma għandux jimbarazza jew jumilja l-istudenti tiegħu, apposta.

1.11 L-Għalliem ma għandux juża r-relazzjonijiet professjonali ma' l-istudenti għall-vantaġġi personali tiegħu.

1.12 L-Għalliem ma għandux jagħti tagħrif, dwar l-istudenti tiegħu, li huwa jkun kiseb matul il-kors tas-servizz professjonali tiegħu jekk dak it-tagħrif ma jkunx mitlub espressament għal skop professjonali jew skond il-liġi.

2. Ir-Responsabilitajiet ta' l-Għalliem lejn Sħabu u lejn il-Professjoni ta' Għalliem

2.1 L-Għalliem għandu jirrispetta l-livell professjonali u l-fehmiet ta' sħabu u magħhom iżomm relazzjonijiet tajba b'livell għoli ta' etiquette professjonali.

2.2 L-Għalliem għandu jkun lest li jgħin b'kull mod lill-għalliema inqas anzjani minnu u lil dawk li jkunu għadhom qed jitħarrġu.

2.3 L-Għalliem għandu jaċċetta l-awtorità ta' kollegi professjonali anzjani għalih waqt li jżomm id-dritt li jesprimi l-opinjoni professjonali tiegħu.

2.4 L-Għalliem għandu jagħraf id-dmir li jmexxi 'l quddiem il-kawża ta' l-edukazzjoni u b'hekk il-kawża tal-professjoni tat-tagħlim.

2.5 L-Għalliem għandu jagħraf id-dmir li jtejjeb b'kull mod possibbli l-effettività tiegħu bħala għalliem.

2.6 L-Għalliem għandu jagħraf li huwa responsabbli għall-azzjonijiet u l-ġudizzji tiegħu u jkun lest li jaffronta l-konsegwenzi tagħhom.

2.7 L-Għalliem għandu jagħraf id-dmir li juri sens ta' responsabbiltà, inizjattiva individwali u integrità fit-tagħlim tiegħu u f'azzjonijiet professjonali oħra skond il-kodiċi tal-professjoni.

2.8 L-Għalliem m'għandux jagħmel intenzjonalment stqarrijiet foloz li jkollhom x'jaqsmu mal-ħila u l-kwalifiki ta' xi kandidat li japplika għal xi kariga.

2.9 L-Għalliem m'għandux jaċċetta flus, rigali jew favuri li jistgħu jolqtu ħażin jew jidhru li qed jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet jew l-azzjonijiet professjonali tiegħu.

2.10 L-Għalliem m'għandux jipprova jinfluwenza lill-Ministru, lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jew lil xi Bord Edukattiv dwar ħwejjeġ li jolqtu l-għalliema sakemm dan ma jkunx espressament mitlub mill-Ministru, mid-Dipartiment jew minn Bord Edukattiv fil-kariga uffiċjali tiegħu.

2.11 Mhux aġir korrett li kollega professjonali anzjan, ikun min ikun, jew xi għalliem, jiċċensura għalliema oħra jew jikkritika xogħolhom quddiem l-istudenti u/jew quddiem il-pubbliku ġenerali.

2.12 Ma jkunx aġir korrett li permezz ta' stqarrija pubblika għalliem jagħti fama ħażina lill-professjoni, lill-iskola tiegħu jew lid-Dipartiment.

2.13 L-Għalliem għandu japprezza li, filwaqt li bħala persuna professjonali għandu jieħu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tiegħu, huwa għandu d-dmir li jobdi l-istruzzjonijiet raġjonevoli mogħtija minn kollegi professjonali anzjani. Huwa għandu d-dritt jipprotesta kontra struzzjonijiet mogħtija.

2.14 Kollegi professjonali anzjani għandhom jagħtu lill-għalliem l-appoġġ u l-għajnuna kollha li jistgħu biex ix-xogħol tiegħu jkun effettiv. Huma għandhom jikkonsultawh u jgħarrfuh dwar ħwejjeġ li jolqtu x-xogħol tiegħu u għandhom iġibu ruħhom miegħu b'ġustizzja u dinjità — u dan mhux biss meta dan ikun meħtieġ għall-interess ta' l-istudenti jew kollegi oħra, imma wkoll biex tintlaħaq effiċjenza akbar kif ukoll livell aqwa ta' etika professjonali.

3. Ir-Responsabilità ta' l-Għalliem lejn il-Ġenituri ta' l-Istudenti u lejn il-Komunità

3.1 L-Għalliem għandu jirrikonoxxi d-dritt tal-ġenituri li jikkonsultawh dwar il-progress jew il-ġid ta' l-istudenti bil-mod u l-ordni stabbiliti. L-għalliem għandu jagħraf id-dritt tal-ġenituri li jkunu kkonsultati f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp ġejjieni ta' wliedhom.

3.2 L-Għalliem m'għandu jagħmel xejn li jnaqqas l-awtorità legali tal-ġenituri imma għandu jkun lest biex jagħti pariri li skond l-opinjoni professjonali tiegħu huma fl-aħjar interess ta' l-istudenti.

3.3 L-Għalliem għandu jagħmel kull sforz biex iħajjar il-ġenituri jieħdu interess b'mod attiv fl-edukazzjoni u l-ġid ta' wliedhom.

3.4 L-Għalliem għandu jġib ruħu u jimxi fis-soċjetà b'mod li jkabbar il-prestiġju tal-professjoni.